# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 599/2016 PM1**

**Paul Ross**
**(ID 268875(M))**

**Vs**

**Lino Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2016 illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u sebghin euro u hmistax-il centezmi (€970.15) in rapprezentanza ta' danni u spejjez konsegwenzjali sofferti mill-istess attur bhala proprjetarju tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBP748 wara incident datat 27 ta' Dicembru, 2014 fi Triq il-Belt Valletta, Qormi ghal-liema incident huwa responsabbli l-intimat u liema somma l-intimat kien obbliga ruhu li jhallas bl-imghax legali mis-27 ta' Dicembru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittri legali tal-ewwel ta' Marzu, 2016 u tal-ewwel ta' Settembru, 2016 kontra l-istess intimat ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-20 ta’ Frar, 2017 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-20 ta’ Frar, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Illi madanakollu fir-rigward tal-imghaxijiet dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-avviz u mhux mid-data tal-incident in vista ta’ dak li jinsab provdut taht l-art. 1141(2) tal-Kodici Civili u stante n-natura civili tal-kumpens dovut filwaqt li l-ispejjez ghandhom ikunu limitati ghal dawk gudizzjarji naxxenti mill-procedura odjerna.

Ghaldaqstant, peress illi, salv ghas-surreferit, it-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attur is-somma mitluba ta’ disa’ mija u sebghin euro u hmistax-il centezmi (€970.15) in rapprezentanza ta’ danni u spejjez konsegwenzjali sofferti mill-istess attur bhala proprjetarju tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBP748 wara incident datat 27 ta’ Dicembru, 2014 fi Triq il-Belt Valletta, Qormi ghal-liema incident huwa responsabbli l-intimat bl-imghax legali mid-data tan-notifika tat-talba odjerna lill-konvenut sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez gudizzjarji tal-procedura odjerna kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**